**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa b'urġenza Numru 57**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 11 t'April 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**
George Muscat – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsilliera George Muscat, Doris Zammit, Martina Grech u Abigail Sammut talbu li jkunu skużati minħabba raġunijiet ta' saħħa u raġunijiet relatati ma' xogħol, rispettivament.

Il-Kunsill approva l-apoloġija ppreżentata.

57.1 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza minħabba diffikultajiet li l-Kunsill qed ikollu mal-Kuntrattur tal-Ġbir tal-iskart.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li t-tipping fees minn € 20 it-tunnellata saru € 40 it-tunnellata. Biss minkejja li l-ġbir tal-borża s-sewda tnaqqas minn tlett darbiet fil-ġimgħa, għal darbtejn fil-ġimgħa, l-kontijiet splodew ħafna l' fuq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid iżomm f'moħħu li l-kollettur qed jiġbor biss skart iġġenerat mid-djar. Is-Sindku infurma li l-ġurnata ta' qabel kellu issue mal-kuntrattur minħabba l-iskart li qed jitħalla fit-toroq tal-lokalita', fejn bl-aktar mod arroganti l-kuntrattur spiċċa jhedded lis-Sindku fuq chat eżistenti fuq whatsup.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li hu ma jibżax mit-theddid, iżda dan in-nuqqas ta' servizz qed joħloq diffikultajiet kbar lir-residenti filwaqt li qed jagħti dehra ta' telqa u ħmieġ fil-lokalita'.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li f'laqgħa li kellna mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Kunsilli ġew infurmati li mit-tieni tranche tal-fondi, l-allokazzjoni tal-iskart se tiġi mgħoddija b'mod immedjat lir-Reġjun Nofsinhar.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li tintbagħat ittra lir-Reġjun Nofsinhar b'dawn il-punti;

Il-Kunsill Lokali mhux se joħroġ fondi addizzjonali mill-allokazzjoni mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill Lokali jiġbed l-attenzjoni li s-servizz mar għall-agħar, għall-fatt li qed isir bundling tal-boroż, liema boroż qed jitħallew fit-toroq mill-kollettur.

Il-Kunsill Lokail jitlob l-workings tat-tipping fees, tal-aħħar tlett xhur tas-sena 2022, tal-lokalitajiet li jiffurmaw parti mir-Reġjun u ssir analiżi tal-piżijiet.

Kemm il-vettura qed tintuża f'Ħal Qormi u jekk jiġux irreġistrati fil-WastServ fuq Ħal Qormi.

Il-Kunsill Lokali jingħata d-datatrak information tad-dawrien li qed isir mit-trakkijiet f'Ħal Qormi.

Barra minhekk il-membri jixtiequ aktar informazzjoni dwar xi tfisser Combined Collection.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tiġbor id-data tat-tipping fees tas-sena 2022 sabiex isir paragun mat-tipping fees bills tal-ewwel tlett xhur tas-sena.

**57.2 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata.

Konfermati, illum 20 ta' April 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |